MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 664/2005

**Leo Chetcuti Caruana u Sarah Chetcuti Caruana**

**Vs**

**Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma, Direttur Generali tax-Xogholijiet, Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u V & C Contractors Limited**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-13 ta' Lulju 2004 ippremettew li:

Huma proprjetarji tal-fond "Tresor", Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta.

Id-drenagg mill-proprjeta' tal-atturi kien originarjament jizbokka go fossa.

Fis-sajf tas-sena 2002, il-konvenuti (jew l-awturi taghhom), jew minn minnhom, taw struzzjonijiet u ezegwew xoghlijiet fuq sistema gdida tad-drenagg u fuq it-toroq fl-inhawi maghrufa bhala “ta' Santa Margerita”, il-Mosta.

Bhala parti minn dawn ix-xogholijiet, id-drenagg mill-proprjeta' tal-atturi ma baqax imur fil-fossa imma gie jizbokka f'din is-sistema l-gdida.

B'rizultat dirett ta' dawn ix-xoghlijiet, zbokka d-drenagg fil-proprjeta tal-atturi b'mod li din giet reza kwazi inabitabbli kemm minhabba l-hsarat strutturali fil-post kif ukoll minhabba l-hsarat konsiderevoli li rrizultaw fl-ghamara u l-oggetti l-ohra domestici tad-dar.

Minkejja li l-konvenuti u l-awturi taghhom gew diversi drabi interpellati, anke ufficjalment, sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti minnhom, huma baqghu inadempjenti.

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li bix-xogholijiet imsemmija, li saru mill-konvenuti, (jew l-awturi taghhom), jew min minnhom, l-atturi sofrew hsarat fis-sistema tad-drenagg u fil-fond proprjeta' taghhom;
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi kemm fil-bini kif ukoll fl-ghamara u fl-oggetti domestici taghhom li kienu jinsabu fl-istess fond, occorrendo bl-operat ta' perit nominandi;
3. Tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali tas-26 ta' Novembru 2002 u tat-30 t'Awissu 2004, u bl-imghax legali mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenuti, ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

**Nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Generali tax-xoghlijiet**

Jeccepixxi bir-rispett :

1. Illi Preliminarjament, il-konvenut Direttur Generali tax-xoghlijiet mhux il-legittimu kontradittur stante illi t-Taqsima tax-Xoghlijiet ma ghandha u qatt ma kellha ebda konnessjoni ma' xoghlijiet fuq sistema gdida tad-drenagg u fuq it-toroq fl-inhawi maghrufa bhala ta' "Santa Margerita", Mosta, liema xogholijiet huma allegatament il-kawza tal-ftuh tal-proceduri odjerni;
2. Ghaldaqstant, l-eccipjenti jirrespingi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi. Kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**Nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta V & C Contractors Limited**

Teccepixxi bir-rispett

1. Preliminarjament illi t-talbiet attrici fil-konfront taghha huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 ta' Ligijiet ta' Malta.
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti esegwiet ix-xogholijiet fdati lilha fiz-zona maghrufa bhala Santa Margerita l-Mosta skond is-sengha u l-arti u in linea u taht id-direzzjoni u struzzjonijiet moghtija lilha u ghaldaqstant ma hijiex responsabbli ghall-allegati danni sofferti mill-atturi.
3. Illi fit-tielet lok id-danni allegati ghandhom jigu ppruvati.

**Nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.**

Teccepixxi bir-rispett :

1. Preliminarjament l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, mhijiex legittimu kontradittur f'din il-kawza stante l-fatt illi l-installazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema tad-drenagg ma taqax taht il-mansjonijiet taghha u ghalhekk ma tistax tinzamm responsabbli ghal xi hsara li tirrizulta mill-istess.
2. Bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba ta' l-attur fil-konfront ta' l-esponenti hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi respinta, stante illi x-xogholijiet ta' drenagg gewwa Vjal il-Qalbenin Mostin, ghalkemm saru fil-kuntest tal-progett tal-bini mill-gdid tat-triq, ma sarux fuq struzzjonijiet ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, izda saru minn V&C Contractors Limited fuq talba tad-Dipartiment tad-drenagg, illi filwaqt illi approva il-pjanti u d-disinn, kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala "ADT1" "ADT2" u dok "ADT3" u kif ser jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza, l-Istess Dipartiment segwa l-implimentazzjoni ta' l-imsemmija xogholijiet.
3. Illi, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjoni ta' l-esponenti illi "b'rizultat dirett ta' dawn ix-xogholijiet, zbokka d-drenagg fil-proprjeta' ta' l-esponenti" hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt. U dan kif jirrizulta mir-rapport datat 7 ta' Novembru 2002, hawn anness u mmarkat bhala "ADT4".
4. Illi in ogni kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi kellhom jiehdu kull prekawzjoni necessarja sabiex l-ebda likwidu, ikun xi jkun, ma jipperkolax ghal gewwa r-residenza taghhom u dan specjalment meta kienu jafu illi kellhom wc li kien taht il-livell tas-sistema tad-drenagg.
5. Illi ghalhekk it-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

**<u>Nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma.</u>**

Teccepixxi bir-rispett :

1. Illi preliminarjament, il-Korporazzjoni eccipjenti mhux il-legittimu kontradittur stante illi hija ma ghandha u qatt ma kellha ebda konnessjoni ma' xoghlijiet fuq sistema

gdida tad-drenagg u fuq it-toroq fl-inhawi maghrufa bhala ta’ “Santa Margerita”, Mosta, liema xoghlijiet huma allegatament il-kawza tal-ftuh tal-proceduri odjerni;
2. Illi, ghaldaqstant, it-talbiet attrici fil-konfront tal-korporazzjoni eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi. Kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-qorti semghet il-provi, rat l-atti li jinkludu noti ta’ sottomissjonijiet.

**Fatti**.

L-incident meritu tal-kawza sehh fis-6 ta’ Novembru 2002. L-attur spjega:

*“3. Ghall-habta ta’ Gunju 2002 kien bdew ix-xogholijiet fuq it-triq taghna. Minbarra t-triq inghatat wicc gdid, kienu nbidlu wkoll il-katusi ta’ taht l-art. Wara sirt naf minghand Charles Borg, wiehed mid-diretturi ta’ V & C Contractors Limited, li l-Gvern kien ser jghmel sistema gdida tad-drenagg. Sa Ottubru 2002 dawn ix-xogholijiet kienu lesti.*

*4. Fis-6 ta’ Novembru 2002 filghodu kienet ghamlet l-ewwel xita. Dakinhar jien ma kontx id-dar. Ghall-habta tal-ghaxra ta’ filghodu, cemplitli Doris Grech, li kienet id-dar taghna, u qaltli li s-sular ta’ isfel tad-dar taghna kien qed jeghreq fid-drenagg. Jien mort nigri d-dar u wasalt xi nofs siegh wara, kif bdiet tbatti x-xita. Dak il-hin li wasalt is-sular t’isfel kien mgharraq bid-drenagg.”* (fol. 25).

Mill-provi rrizulta li qabel tpoggiet is-sistema tad-drenagg, id-djar fi Vjal il-Qalbiena Mostin kienu ghadhom jinqdew b’fosos. Ix-xoghol fuq is-sistema tad-drenagg kien sar minn V & C Contractors Limited. M’hemmx dubju li s-sistema tad-drenagg pubblika taqa’ taht ir-responsabbilta’ tal-Gvern. Sfortuntament matul it-tmien snin li din il-kawza ilha pendenti, l-entitajiet pubbici mharrkin kollha taw id-difiza li m’humiex il-legittimi kontraditturi. Dan wassal ghal hafna telf ta’ hin bla bzonn f’kawza fejn il-massimu tad-

danni li qeghdin jintalbu hu ta’ tlettax-il elf mija u erbgha u sebghin ewro (13,174) [ara fol. 8].

M’hemmx kontestazzjoni li:-

(a) Fis-6 ta’ Novembru 2002 sbroffa d-drenagg fid-dar tal-atturi;
(b) Ix-xoghol tad-drenagg sar minn V & C Contractors Limited;
(c) Xi hsara saret irrispettivament mill-ammont;

F’ittra datata 7 ta’ Novembru 2002 mibghuta minn Vincent Borg ta’ V & C Contractors Ltd lid-Dipartiment tat-Toroq (fol. 58), jinghad:

*“Subsequent to our attempts, we found out that the backflow was in fact caused by a blockage, brought about by an accumulation of used motor oil and debris, probably discharged into the system by some irresponsible third parties. Furthermore, a number of rodent carcasses were also noted and which invariably aided this blockage to form. Following the complete replacement of the blocked pipe, the situation reverted back to normal and the flow resumed.*

*It is our architect’s opinion that this problem has been primarily caused by the illegal practise of discharging rainwater into the main sewer. This is trying to make the system cater for a flow for which it is not intended. The same can be said to the most damaging practice of discharging oils and similar greasy matter, whilst the presence of rodents might even cause future damage to the system. The main sewer has been functioning perfectly for the past six months, and no problems were reported during the previous two rainstorms.”*.

Verzjoni li tista’ tghid li rrepeta meta xehed fis-seduta tal-25 ta’ Ottubru 2011.

**Preskrizzjoni**.

Ghal dak li jikkoncerna l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li tat V & C Contractors Ltd, il-qorti toserva li:-

i. L-incident sehh fis-7 ta' Novembru 2002.
ii. Fl-1 ta' Settembru 2004 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali kontra l-konvenuti. V & C Contractors Ltd giet notifikata fil-11 ta' Novembru 2004 (fol. 91).

L-ittra ufficjali tal-1 ta' Settembru 2004 serviet biex tinterrompi l-preskrizzjoni peress li skond l-Artikolu 2130(1) tal-Kodici Civili:-

*"Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika tal-att ma ssirx qabel ma jaghlaq xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni"*.

F'dan il-kaz l-ahhar jum kien fis-6 ta' Novembru 2004. Qabel ma ghalaq ix-xahar minn dakinhar, l-ittra ufficjali giet notifikata. Ghalhekk inkisret il-preskrizzjoni. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

**<u>Legittimu Kontradittur</u>**.

Eccezzjoni li nghatat mill-entitajiet pubblici kollha li gew imharrkin.

Wiehed mid-dmirijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma hu:-

*"li tipprovdi, ittejjeb u tkabbar dik is-sistema ta' drenaġġ pubbliku u li tnaddaf u li żżomm fi stat tajjeb din is-sistema sabiex tassigura li din topera u tibqa' topera mingħajr perikolu u b'mod effiċjenti."* (Artikolu 3(c)(i) tal-Kap. 355).
Provvediment li dahal fis-sehh fl-1 ta' Ottubru 2003. Ghalkemm l-incident sehh fis-6 ta' Novembru 2002, il-legittimu kontradittur xorta hi l-Korporazzjoni meta tqies li b'effett mill-1 ta' Ottubru 2003 hi l-awtorita' li tirraprezenta lill-Gvern fi kwistjonijiet li huma relatati mad-drenagg pubbliku. Il-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma hi proprjeta tal-Gvern ta' Malta u fid-data li bdew il-proceduri kienet l-entita' li tirraprezenta lill-Gvern f'materji relatati mas-sistema tad-drenagg pubbliku. F'dan ir-rigward issir

riferenza ghall-Artikolu 34(1) u (2) tal-tal-Kap. 335 li huma disposizzjonijiet tranzitorji.

Mid-deposizzjoni tal-perit Robert Sant jirrizulta li l-*Utilities Section* li tifforma parti mid-Dipartiment tad-Drenagg kienet involuta fil-progett ghal dak li jikkoncerna s-sistema ta' drenagg pubbliku (fol. 200)[1]. Imbaghad il-perit Raymond Farrugia kkonferma li meta sehh l-incident id-Dipartiment tad-Drenagg kien jaqa' taht it-Taqsima tax-Xogholijiet (fol. 196). Ghalhekk fil-fehma tal-qorti d-Direttur tax-Xogholijiet hu wkoll legittimu kontradittur in kwantu jirraprezenta lill-Gvern ta' Malta.

Gialadarba l-Gvern ta' Malta hu debitament rapprezentat, il-prezenza tal-entita pubblika l-ohra m'hijiex mehtiega. Dan apparti li mill-provi ma jirrizultax li fil-progett kienet direttament involuta fix-xoghol relatat mat-tqeghid tas-sistema ta' drenagg pubblika.

**Responsabbilta'**.

Ghal dak li jikkoncerna r-reponsabbilta' jidher li l-incident sehh ftit xhur wara li tlesta x-xoghol f'dik il-parti tat-triq fejn tinsab id-dar tal-atturi.

Kif rajna V & C Contractors Limited ssostni li dak li gara kien minhabba li s-sistema tad-drenagg giet imblukkata minn zejt u grieden mejta li kien hemm fil-pipe.

Il-qorti ghandha dubji serji kemm din hi l-verita. 'Il fatt jibqa' wiehed, l-atturi zgur li ma kellhom tort f'dak li gara. Huma kienu ghal kwiet f'darhom u wara x-xogholijiet sabu xmara ta' drenagg f'darhom li sbokkat mit-toilet. Ghal dan xi hadd hu responsabbli. Il-persuni immedjati m'huma hadd iktar hlief:-

i. Il-Gvern; u

ii. V & C Contractors Limited li sahansitra rrizulta wkoll li qabbad il-komunikazzjoni tad-drenagg pubbliku mad-dar tal-atturi.

---

[1] Ikkonferma li bhala perit tal-kuntrattur kien ukoll involut fix-xoghol relatat mad-drenagg pubbliku; *"Min-naha taghna konna tlabna lill-Utilities Section biex jghidulna x'hemm bzonn li jsir. L-inkarigu tieghu kien fir-realta' li nghaqqad kollox. Id-drawing saru mill-ufficcju tieghi. Kif tlestew is-sistema hi li dawn jintbaghatu lill-Utilities Section biex ikollna l-approval. Ahna d-drawings taghna kienu jkunu bbazzati fuq l-informazzjoni li ninghataw mill-Utilities Section…… Min-naha tieghi jiena ma nidholx f'dak li jkun irid il-Utilities Section jekk cioe' mill-aspett tekniku naqbilx ma' dak li jkunu qed jipproponu huma. Jiena sempliciment irriflettejt fuq id-drawings dak li ried il-Utilities Section."*.

Ftit gimghat qabel sehh l-incident ix-xoghol kien ghadu kif tlesta mill-kuntrattur (V & C Contractors Limited), fuq inkarigu tal-Gvern. Ghall-qorti dan hu kaz ta' *res ipsa loquitur*. M'hemmx dubju li l-atturi qeghdin fl-impossibilita' li jaghtu prova ta' dak li wassal biex fid-dar jisbroffa d-drenagg. Li hu zgur hu li l-incident sehh ftit gimghat wara tlesta x-xoghol fejn hemm id-dar taghhom. L-impossibbilta li l-atturi jaghtu prova tirrizulta mill-fatt li s-sistema tad-drenagg pubbliku, li kkawzat il-hsara, kienet taht il-kontroll tal-kuntrattur u l-Gvern. M'hemmx kontestazzjoni li l-hsara li saret fid-dar tal-atturi kien rizultat ta' sbroff ta' drenagg mis-sistema pubblika. Dan apparti li sistema ta' drenagg pubbliku mqieghda skond is-sengha u l-arti m'ghandix fuq bazi ordinarja twassal biex jisbroffa d-drenagg f'dar privata. Hi logika li meta jigri incident simili l-inferenza ghandha tkun dik ta' negligenza. Il-presunzjoni hi favur l-atturi[2]. Fil-kaz **Colviles Ltd v Devine** (1969, House of Lords) li kien jitratta spluzjoni ta' pipe ghall-garr tal-ossigenu. Lord Donovan spjega:-

*"In this state of affairs the respondent was, in my opinion, entitled in law to say that somebody for thom the appellants were responsible could not have exercised proper care. In other words res ipsa loquitur. That means that it was for the appellants to show that the accident was just as consistent with their having exercised due diligence as with their having been negligent. In that way the scales which had been tipped in the respondent's favour by the doctrine of res ipsa loquitur would be once more in balance, and the respondent would have to begin again and prove negligence in the usual way.".*

Jispetta lill-konvenuti li jaghtu prova li:-

(i) il-mod kif sar ix-xoghol kien konformi ma' dak li jsir normalment;

(ii) fuq bazi ta' probabilita' tezisti ipotezi plawsibbli ta' kif sehh l-incident u li tezonerahom mir-responsabbilta';

Fir-rigward tat-tieni punt ma tressqux provi sodisfacenti. Il-kuntrattur qal li ilment kien hemm biss min-naha tal-attur. Il-verzjoni moghtija minn Vincent Borg ma tistax tigi accettata. Ma offra l-ebda spjegazzjoni kif dan is-suppost

[2] F'dan il-kuntest il-qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) [Imhallef P. Sciberras] fil-kawza **Giovanni Vella et vs Michael Cilia** deciza fit-23 ta' Gunju 2004.

zejt mahruq u grieden mejtin wehlu f'dik il-parti tas-sistema tad-drenagg pubbliku fejn hemm id-dar tal-atturi; "*Minhiex f'posizzjoni nispjega ghalfejn il-flow tal-ilma ma nbuttax iz-zejt mahruq bil-grieden iktar 'l isfel u kif dawn wehlu f'dak il-punt partikolari"* (fol. 211). Qal ukoll: *"Fil-post fejn kien hemm il-blockage ma nafx x'kien hemm fis-sens kien hemm kisra fil-katusa."* (fol. 211). L-ispjegazzjoni trid tinghata mill-kuntrattur u l-Gvern ghaliex huma jafu x-xoghol li sar u l-mod kif tqieghdet is-sistema. Fic-cirkostanzi l-konkluzjoni hi wahda, cjoe' li l-konvenuti ma rnexxielhomx jeghlbu l-presunzjoni ta' htija. Ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jaccetta l-verzjoni ta' Vincent Borg fis-sens li dak li gar kien minhabba li hafna djar, b'mod illegali, jitfghu l-ilma tax-xita fis-sistema tad-drenagg pubbliku, allura jkun ifisser li ma saritx sistema ta' drenagg idoneja biex tilqa' cirkostanzi simili ladarba kif qal Borg, hu fatt maghruf li hawn hafna li kontra l-ligi jarmu ilma tax-xita u materjal iehor fis-sitema tad-drenagg. Dan apparti li ma giex spjegat ghas-sodisfazzjoni tal-qorti kif dan kien incident ta' darba. Fix-xenarju li taghna l-kuntrattur wiehed kien jistenna li dan ma kienx ikun incident izolat. Li hu zgur hu li ma ghandux isofri c-cittadin ghan-nuqqasijiet ta' haddiehor.

Il-konvenuti li ser jinstabu responsabbli jridu jwiegbu ghad-danni b'mod solidali b'applikazzjoni tal-Artikolu 1050 tal-Kodici Civili meqjus ukoll li l-qorti m'hijiex f'posizzjoni li tallokka l-grad ta' responsabbilta' b'mod separat ghall-Gvern u l-kuntrattur.

**Likwidazzjoni tad-danni**.

V & C Contractors Limited ssostni li l-atturi ghandhom jaghtu prova tad-danni li qeghdin ighidu li sofrew.

Ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni, il-qorti tosserva:-

(a) Mir-ritratti li pprezentaw l-atturi (fol. 12-24) wiehed jiehu ideja tal-inondazzjoni ta' drenagg li kien hemm fis-sular ta' isfel tad-dar taghhom.

(b) Skond il-prospett tad-danni li pprezentaw l-atturi, huma jippretendu li jithallsu s-somma ta' Lm5,665.75 li jikkonsistu:-

- Madum tal-art (marmettone) tas-sular ta' isfel Lm2,400
- Bieb ta' barra Lm600

- Zewg bibien (panel doors) Lm500
- bieb tal-bitha tal-aluminju Lm150
- Kisi u Zebgha mill-gdid tal-hitan tas-sular ta' isfel Lm912
- Kamra tal-banju ta' isfel Lm1,000
- Zewg melamine sides u larder fil-kcina, kickboard tal-corner unit fis-salott Lm198
- Tiswija ta' ghamara Lm25
- Gugarelli u zraben li tkaxkru mad-drenagg Lm110
- Spejjez u drittijiet tal-perit (rapport) Lm120.75

Waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2011 l-attur xehed (fol. 214):

*"Il-madum ma bdiltux. Nikkonferma li d-drenagg dahalli fil-kmamar kollha tas-sular t'isfel. Dahalli mit-toilet, mill-bitha. It-tip ta' madum huwa marmettone. Jiena xtrajt fl-1997. Id-dar inbniet xi ghaxar snin qabel. Il-madum hu l-istess li sibt meta xtrajt id-dar.*

*Il-bieb ta' barra irrangajtu, illustrajtu.*

*Bhala gholi ta' drenagg kienhemm bejn wiehed u iehor xi erba' filati.*

*Dahal mhux lili biss anki lil ta' hdejja.*

*M'inhiex f'posizzjoni li nghid kemm infaqt biex irrangajt il-bieb ta' barra tad-dar, ma niftakarx.*

*Nikonferma li isfel ma biddilt l-ebda bibien, lanqas m'ghamilt xi tiswiijiet ohra fil-bibien li hemm fis-sular ta' isfel. L-unika xoghol li sar kien fuq il-bieb tad-dar.*

*Nikkonferma illi m'ghamiltx xogholijiet iktar isfel, qas tibjida ma tajt fis-sular ta' isfel, lanqas kisi m'ghamilt, xejn xoghol. Lanqas fil-bitha. Isfel toilet u sink…..*

*Ma biddilt l-ebda house appliance, lanqas ghamara. Sentejn ilu biddilt il-cupboards tal-kcina.”*.

Jirrizulta li l-atturi baqghu ma bidlux il-madum tal-art ta’ isfel, ghalkemm ghaddew kwazi hdax-il sena mill-incident. Ghalkemm il-kaz jitratta dwar drenagg, minn dak li jidher fir-ritratti l-qorti m’hijiex konvinta li kien hemm bzonn li jinbidel il-madum tal-art u tal-kamra tal-banju. Il-qorti fehemet li t-tindif fil-post beda mill-ewwel.

Skond rapport li ghamel il-perit Mariello Spiteri datat 8 ta’ Novembru 2002 (fol. 9), kellu jinbidel il-madum kollu tal-art. Pero’ ma jaghti l-ebda raguni ghalfejn. Ghall-qorti opinjoni li ma tigix issostanzjata m’ghandha l-ebda valur. Ghalkemm fis-seduta tal-25 ta’ Ottubru 2011 l-attur xehed li l-madum “qiesu ingiref”, din m’hijiex prova sodisfacenti. Inoltre, l-qorit ma tqisx li d-dikjarazzjoni hi verosimili. L-istess fir-rigward ta’ dak li jiddeskrivi bhala *“damages to bathroom and drains system”* il-perit Spiteri ma ta l-ebda taghrif fhix jikkonsisti x-xoghol li kellu jsir. Illimita ruhu biex jirraporta *“Adjustments to the plumbing system and to the drainage systema are included in this cost”*. Opinjoni li ma tikkonvincix. Mill-provi lanqas ma rrizulta li l-attur ghamel xi xogholijiet fil-kamra tal-banju.

Min-naha l-ohra xi tip ta’ hsara saret kemm fil-mobbli, hajt u aperturi irrispettivament jekk l-atturi ghamlux it-tiswija. Ghalhekk il-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta’ erbat elef ewro (4,000).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija minn V & C Contractors Limited bl-ispejjez kontra taghha.**

**2. Tilqa’ l-eccezzjoni tal-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez a karigu tal-atturi peress li ma kellhomx bzonn iharrku lil din il-konvenuta.**

**3. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma u tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet bl-ispejjez kontra taghhom.**

**4. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.**
**5. Tiddikjara li l-konvenuti li baqa' bhala solidalment responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi.**
**6. *Arbitrio boni viri* tillikwida d-danni fl-ammont ta' erbat elef ewro (€4,000).**
**7. Tikkundanna lill-konvenuti li ghadhom parti fil-kawza sabiex solidalment ihallsu lill-atturi s-somma ta' erbat elef ewro (€4,000).**

**Salv ghal dak li diga' nghad dwar spejjez, il-kumplament tal-ispejjez a karigu tal-konvenuti. L-imghax jiddekorri mil-lum in kwantu l-ammont likwidat hu ferm inqas minn dak li kienu qeghdin jippretendu l-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------